MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 57

14 ta' Ġunju 2WA016

Minuti tas-seduta Nru. 57 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tal-ewwel u t-tieni parti tas-seduta Nru. 56 li saru fl-24 u l-31 ta' Mejju 2016, ġew approvati mingħajr emendi.

1.2. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tisbiħ tat-taraġ ta' fuq fi Triq San Publiju (P/4/17/Vol II)

2.1.2. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 10.4 tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u ppropona li ċerti *items* li jinvolvu dwal huma żejda u għandhom jiġu mneħħija. Huwa rrefera speċifikament għall-*Bill* H *item* 2(i) li jipprovdi għall-installazzjoni ta' 12-il *uplighter* matul it-taraġ kollu, bejn Triq il-Parroċċa u Triq it-Tramuntana.

2.1.3. Is-Segretarju rrefera wkoll għall-minuta 10.4. u għarraf li l-kuntrattur intalab jikseb stima dwar il-fanali meħtieġa li jsiru fi Triq San Publiju, bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Kappillan Magri, kif ukoll għall-isqaq li hemm f'din il-parti. L-istima li ngħatat biex dawn ikunu pariġġ dawk li ser isir tul Triq il-Parroċċa tammonta €15,163. Huwa qal li kemm-il darba jiġu addottati dawn it-tip ta' fanali, l-*item* 2(g) fil-*Bill* H għandu jiġi eliminat.

2.1.4. Is-Sindku refera għall-minuta 10.5 tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u ppropona li ssir ħġieġa fuq il-bokka tax-xelter li hemm fil-parti bejn Triq il-Parroċċa u Triq it-Tramuntana. Kompla jgħid li din għandha mnejn tintalab xorta waħda mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali aktar 'il quddiem.

2.1.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuti 2.1.2, 2.1.3., u 2.1.4.

### .2.2.1. Impjieg ta persuna taħt l-*Inclusive Employment Scheme* (CIES) (P/7/2/Vol II)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.5.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' imejl datat 10 ta' Ġunju 2016, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva l-impjieg tas-Sur Jonathan Camilleri mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fuq bażi *part-time* taħt l-iskema msemmija.

2.2.3. Is-Segretarju spjega li skont it-tagħrif mogħti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-paga minima għal din is-sena hija ta' €168.01 fil-ġimgħa ta' erbgħin siegħa. Għalhekk il-paga tal-ħaddiema taħt is-CIES trid tinħadem fuq din il-bażi. Ġie spjegat li biex id-Dipartiment jipproċessa t-talbiet tal-Kunsill għar-rifużjoni tal-paga skont il-proċedura segwenti:

- Il-Kunsill jagħmel talba kull tliet xhur li magħha jkun hemm kopja tal-*payslips* kif ukoll iċ-ċekk tal-paga/kopja tad-*deposit slip/*transazzjoni bankarja. Dawn jinħadmu Jannar-Marzu, April sa Gunju, Lulju sa Settembru, u Ottubru sa Dicembru.

- Id-Dipartiment iwettaq rifużjoni tal-:
  - Paga kollha (li trid titħallas *pro rata* skont kemm jaħdmu sigħat u skont il-ftehim originali)
  - l-*Income Supplement* (Marzu u Settembru) - jekk ma jkunx tħallas mill-*MFSS*
  - il-*Bonus* (Ġunju u Diċembru) - jekk ma jkunx tħallas mill-*MFSS*
  - il-parti tal-Bolla tal-impjegat (il-Bolla tal-*employer* trid tkun a karigu tal-Kunsill Lokali).

- Il-ħlas ta' sahra jkun a karigu tal-Kunsill Lokali.

- Dawn il-ħaddiema mhumiex eliġibbli għall-*performance bonus.*

- It-terminu ta' impieg taħt din l-Iskema huwa ta' tliet snin u għaldaqstant il-Kunsill għandu jara illi ebda impjegat ma jaqbeż dan it-terminu. Id-Dipartiment ma jkunx f'pożizzjoni illi jagħti rifużjoni ta' salarju meta jispiċċa dan it-terminu, sakemm ma tinghatax xi direzzjoni uffiċjali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.2.4. Is-Segretarju spjega li mit-tagħrif mogħti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jirriżulta li l-ispiża annwali tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurtá Soċjali, maħduma fuq il-paġa minima fuq bażi *part-time* (20 siegħa fil-ġimgħa) tammonta għal €873.65 fis-sena {(873.65 x 10%}. Is-Sur C. Debono qal li dan l-ammont jista' jiġi assorbit taħt il-vot 1000 tal-Emolumenti Personali, minkejja li ma kienx previst meta tfasslu fl-estimi.

2.2.5. Il-Kunsill qabel li s-Sur Jonathan Camilleri għandu jiġi nfurmat sabiex jibda x-xogħol mal-Kunsill b'effett mill-1 ta' Lulju 2016, skont il-kundizzjonijiet tal-iskema.

### 2.3.1. Periklu fi Triq Santa Marija (T/3/2/Vol XII)

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 15.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti. Huwa ppropona li ssir *crash barrier* oħra faċċata, fejn hemm il-*buildout* fil-bankina.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li l-ideja tal-*crash barriers* għandha tiġi komunikata lis-sid tal-proprjetà fejn ġew kawżati d-danni.

### 2.4.1. Espressjoni ta' interess dwar ir-restawr u l-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarraf li s-Soċjetà Din l-Art Ħelwa (DLH) attwalment għaddejja b'kuntatti diretti mal-Perit Joseph Attard bil-għan li jistabbilixxu l-ispejjeż professjonali marbuta mat-tħejjija ta' sejħa għall-offerti li trid issir min-naħa tagħhom sabiex isir ir-restawr tal-post.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Sistema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/31)**

2.5.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 2.4.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel dwar is-suġġett t'hawn fuq.

2.5.3. Kien hemm qbil li l-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill għandha tiġi mistoqsija dwar jekk jistax isir ix-xogħol meħtieġ f'dan l-istadju.

**2.6.1. Mellieħa *Music Festival* 2016 (A/5/3/4)**

2.6.2. Is-Sindku J. Buttigieg irrefera għall-avveniment imsemmi hawn fuq li żvolġa bejn is-26 u 29 ta' Mejju fil-Knisja tal-Manikata u f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa. Huwa qal li jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għax-xogħol li sar mill-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsilliera A. Brincat Stellini sabiex din l-inizjattiva setgħet tirnexxi.

2.6.3. Is-Sur C. Bartolo qal li fl-edizzjoni li jmiss ser isir aktar emfasi fuq l-inklużjoni ta' baned barranin li ma jirrikjedux daqshekk spejjeż, bħalma kien il-każ tal-Cantamici Choir, li kien jinvolvi biss spejjeż loġistiċi. Kompla billi ppropona li ż-żmien tas-sena meta jiġi organizzat l-avveniment li jmiss għandu jibqa' l-istess, filwaqt li jsir użu mis-sit elettroniku u l-media soċjali sabiex id-dati jiġu ffissati u jkunu magħrufa minn sena qabel, biex wieħed ikollu żmien biżżejjed ħalli jħejji għall-parteċipazzjoni tiegħu.

2.6.4. Il-Viċi Sindku rringrazzja wkoll l-uffiċjali u l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għas-sehem mogħti minnhom sabiex l-avveniment irnexxa.

**2.7.1. Pubblikazzjoni "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa *Through the Tides of Time*" (P/4/5/Vol III)**

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.6.3. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u pproponiet li r-*rerun* tal-edizzjoni oriġinali tkun dik tal-edizzjoni Ingliża fil-verżjoni *soft bound* biss. Dan minħabba li kien hemm domanda kbira għaliha.

2.7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.8.1. Attività parti mill-Valletta 2018 (A/5/5/Vol VIII)**

2.8.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.6.3. tal-ewwel parti tas-seduta ta'qabel u qalet li fil-laqgħa li saret fil-15 ta' Ġunju 2016 fis-sala tal-Kunsill, ġew trattati attivitajiet oħra li ser jorganizza l-Kunsill matul is-Sajf, bħal-Iljieli Melleħin, l-inizjattiva Arti fil-Misraħ u Jum il-Kunsill.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tqegħid ta'Karti**

- *Purchase Request Form* – 09/06/16;
- Skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* -09/04/16 – 08/06/16;
- Skeda ta' pagamenti – 21/05/16 – 09/06/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet.

**4.0. Korrispondenza**

**4.1.1. Sistema tat-traffiku fi Triq il-Wilġa u Triq il-Manikata (T/3/2/Vol XII)**

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Mejju 2016, mibgħuta minn Transport Malta, li kienet tgħid li ġie nnutat illi l-problema tat-traffiku fil-Manikata hija kkawżata mill-fatt li Triq il-Wilġa u Triq il-Manikata huma dojoq u ma jifilhux għal vetturi fiż-żewġ direzzjonijiet. Għaldaqstant, qed jipproponu li Triq il-Wilġa u Triq il-Manikata jsiru *one-ways* f'direzzjoni waħda lejn Triq Għajn Tuffieħa.

4.1.3. Il-Kunsill osserva li meta saru laqgħat ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-Manikata, kien hemm rejazzjoni mħallta, iżda l-maġġoranza tar-residenti, partikularment dawk li għandhom ir-raba' fl-inħawi, kif ukoll dawk li joqogħdu fit-toroq li minnhom ser jgħaddi t-traffiku, kienu kontra. Għaldaqstant, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jibqa' kollox kif inhu, u tibqa' issir insistenza fuq it-twessiegħ ta' Triq il-Manikata, jew li jiġu ntrodotti t-*traffic lights* temporanji fil-parti dejqa ta' Triq il-Manikata.

### 4.2.1. Inċident fi Triq Għajn Tuffieħa (D/5/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Mejju 2016, fejn Middlesea Insurance plc talbu rifużjoni tad-danni sofferti mis-Sur Christian Formosa f'inċident li ġara fil-25 ta' Settembru 2015 fi Triq Għajn Tuffieħa, fejn għamel ħsara fir-rota *(bicycle)* tiegħu li tammonta għal €849 li €85 tħasslu mis-Sur Formosa bħala *excess*. It-talba kienet akkumpanjata b'ritratti u rapport tal-Pulizija li sar fid-29 ta' Ottubru 2015.

4.2.3. Kien hemm qbil li l-każ għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill.

### 4.3.1. Sigurtà għat-tfal qrib l-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 2 ta' Ġunju 2016 indirizzata lill-Transport Malta, fejn il-Kunsill Skolastiku rrefera għal spezzjoni li saret minn uffiċjali tal-istess awtorità fis-16 ta' Marzu 2016 dwar it-talba sabiex il-parkeġġ ta' quddiem l-iskola jingħalaq waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-iskola. Fl-istess ittra ntqal li f'Settembru 2016 ser jibda jintuża l-bieb li jħares fuq il-parkeġġ, u kemm-il darba jibqa' ma jsir xejn min-naħa ta' Transport Malta ser issir pressjoni biex tingħalaq Triq Qasam Barrani.

4.3.3. Il-Kunsill innota l-korrispondenza u l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.4.1. Twessiegħ tal-ispazju bejn il-*buildout* fi Triq ix-Xagħra ta' Barra (T/3/2/Vol XII)

4.4.2. Inqara imejl datat 13 ta' Ġunju 2016, mibgħut minn Transport Malta, fejn irrakkomandaw lill-Kunsill sabiex il-*buildout* li hemm fi Triq ix-Xagħra ta' Barra, kantuniera ma' Triq il-Kbira titwessa sabiex ikunu jistgħu jgħaddu żewġ vetturi f'daqqa bil-għan li tiġi evitata l-konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Kbira.

4.4.3. Is-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier E. Bartolo aċċennaw għall-fatt li l-iskema tat-toroq ewlenin kienet ġiet approvata mill-istess awtorità u l-MEPA. Intqal ukoll li kienu ġew ordnati linji sofor doppji fi Triq ix-Xagħra ta' Barra, eżatt qabel wieħed jasal mal-*buildout*.

4.4.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li kulma għandu jsir huwa li jittieħed ftit mill-wisa' ta' waħda mill-*buildouts*.

4.4.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom isiru l-linji sofor doppji fi Triq ix-Xagħra ta' Barra kif deskritt fil-minuta 4.4.3., iżda ma ġietx eskluża l-possibiltà li jitnaqqas id-daqs tal-*buildout*.

### 4.5.1. Tqegħid ta' għamara madwar Sundancer Kiosk fl-Għadira (T/4/10/Vol II)

4.5.2. Inqara imejl datat 13 ta' Ġunju 2016, mibgħut minn Paul Camilleri & Associates f'isem operatur ta' Sundancer Kiosk fl-Għadira, fejn talab li jitpoġġew 12-il mejda b'żewġ siġġijiet kull waħda fuq il-pjattaforma li hemm madwar l-istess kjosk.

4.5.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanta mehmuża mat-talba ma sabx oġġezzjoni, peress li l-bankina ma hijiex ser tiġi affettwata bl-ebda mod.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Gunju 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-21 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2016.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn id-9 ta' April u t-8 ta' Ġunju 2016.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Ftehim dwar il-kustodja tal-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) (P/4/4/Vol IV)**

7.2. Dan is-suġġett tħalla għas-seduta li jmiss peress li l-membri tal-Kumitat tal-Art Club kellhom impenn ieħor. Il-Kunsill iffissa appuntament għat-30 ta' Ġunju 2016 fis-6.30pm.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier D. Vella illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (7/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) li tinvolvi l-Provista, Konsenja, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Dwal Decorattivi għal Triq il-Parroċċa, il-Mellieħa;***

***Billi ż-żewġ offerti li saru minn Mica Med Ltd ġew evalwati f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2016, taħt il-kont Nru. 7220;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz imsemmi għandu jiġi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".*** **(P/4/3/Vol IV)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offerti saru elettronikament permezz tal-ePPS u nfetħu mill-Kunsillier J. Gauci u l-uffiċjali tal-Kunsill is-Sur S. Borg fit-23 ta' Mejju 2016 fis-12.30pm. Irriżulta li dawn kienu kif ġej:

| Sejħa Nru. MLC 7/2016 | Prezzijiet offruti (VAT eskluża) |
|---|---|
| Bil-lampi tat-tip SON (56105) | €24,416.70 |
| Bil-lampi tat-tip LED (56108) | €26,516.70 |

Id-dokumentazzjoni kollha sottomessa ġiet mgħoddija lill-Evalwaturi membri fuq it-*Tender Adjudication Board* – is-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo, u l-Kunsillier E. Bartolo, kif ukoll lill-Galea Curmi Engineering Consultants.

8.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għar-rapport tekniku li sar minn Galea Curmi Engineering Consultants datat 26 ta' Mejju 2016, liema rapport ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta. Is-Sur C. Debono spjega li kien hemm żewġ offerti mill-istess offerent – Mica Med Ltd – li kienu identiċi f'kollox ħlief fit-tip tal-lampi. Skont ir-rapport, waħda biss kienet kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta – dik li tinkludi l-lampa tat-tip SON.

8.4. Wara li l-Kunsill ra li d-dokumentazzjoni sottomessa kienet kif stabbilit fid-dokument tal-offerta, kif ukoll ħa in konsiderazzjoni r-rapport tekniku ta' Galea Curmi Engineering Consultants, approva l-mozzjoni b'mod unanimu, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, l-Evalwaturi msemmija fil-minuta 8.2. intalbu sabiex jiffinalizzaw il-proċess fl-e-PPS u tinħareġ ittra ta'aċċettazzjoni lil Mica Med Ltd.

**10.1. Tismija ta' toroq fiż-żona tal-*boathouses* f'Ramlet il-Qortin (T/4/1/Vol III)**

10.2. Saret referenza għal talba li ġiet imressqa minn Armier Developments Ltd f'isem is-sidien tal-*boathouses* f'Ramlet il-Qortin, sabiex it-toroq li s'issa kellhom ismijiet mhux uffiċjali jiġu rikonoxxuti u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Huwa qal li l-Kunsill ġie żgurat li bil-proposti li saru m'hemmx dupplikazzjoni ma' ismijiet oħra li diġa jeżistu fil-lokalità.

10.3. Il-Kunsillieri E. Bartolo u P. Cutajar talbu li jirreġistraw il-pożizzjoni tagħhom li huma ma jaqblux illi f'postijiet fejn hemm żvilupp illegali jkun hemm tismija uffiċjali tat-toroq.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex tinkiseb l-opinjoni tiegħu dwar din it-talba, fid-dawl tal-fatt li l-ismijiet mhux uffiċjali qed diġa jintużaw mill-entitajiet li jipprovdu s-servizzi essenzjali.

**11.1. Tisbiħ ta' Triq Adenau (T/4/10/Vol II)**

11.2. Is-Segretarju aċċenna għal laqgħa li huwa u s-Sindku kellhom mas-Sur John Grima, l-operatur tal-Pergola Club Hotel, fejn tal-aħħar esprima l-intenzjoni li jsebbaħ it-taraġ ta' Triq Adenau. Dan wara li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġitilhom permess sabiex ipoġġu mwejjed u siġġijiet fil-parti t'isfel tat-taraġ. Huma appellaw lill-Kunsill sabiex jirranġa l-wiċċ tal-indana tat-taraġ id-dejjaq, li hemm biswit it-taraġ il-wiesgħa. Is-Sur Grima esprima ix-xewqa li jwaħħlu fanali ornamentali matul l-istess taraġ li dettalji dwarhom ġew mgħoddija aktar tard u ppreżentati waqt is-seduta. Il-Kunsill intalab sabiex jieħu ħsieb li dawn jiġu mqabbda mad-dwal tat-toroq u jipprovdi d-*ducting* meħtieġ biex jgħaddu l-*cables*.

11.3. Is-Sur J. Buttigieg, qal li huwa ġie avviċinat mill-operatur tal-Maritim Hotel Antonin & Spa, li għandhom l-intenzjoni li jibdlu d-dwal eżistenti li hemm fuq il-pont ta' Triq Adenau, peress li dawn qdiemu u wħud minnhom anke kienu ntlaqtu bil-vetturi. Fid-dawl ta' dan, l-operaturi taż-żewġ lukandi ntalbu jikkuntattjaw lil xulxin sabiex jidentifikaw disinn wieħed ħalli d-dwal kollha jiġu pariġġ. Is-Sindku qal li l-operaturi tal-Pergola Club Hotel jidhru li ser ipoġġu l-imwejjed u s-siġġijiet wara li jgħaddi s-sajf.

11.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jipprovdi d-*ducting* meħtieġ fit-taraġ ta' Triq Adenau, kif ukoll li jsir it-titjib meħtieġ fit-taraġ id-dejjaq, sakemm issir rejallokazzjoni ta' fondi fl-Estimi 2016, sakemm l-inizjattiva ma titteħidx fl-2017.

**12.1. Għoti ta' Onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XVI)**

12.2. Is-Sindku ppropona li jintbagħtu l-ittri lill-għaqdiet dwar in-nomini ta' persuni jew entitajiet għall-għoti ta' onorefiċenzi fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2016 li ser isir fit-28 ta' Lulju 2016.

12.3. Kien hemm qbil li s-sejħa għan-nomini għandha tagħlaq fil-15 ta' Lulju 2016, sabiex il-Bord ta' Rakkomandazzjoni jkollu żmien biżżejjed biex jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu.

12.4. Il-Kunsill tenna d-deċiżjoni meħuda s-sena ta' qabel, illi nomina li jkollha aktar minn seba' snin, taqa' kemm-il darba ma tiġix imġedda min minn ikun ressaqha oriġinarjament. Dan ikun ifisser li għandha tintbagħat ittra f'dan is-sens lil min ressaq xi nomina li saret qabel l-2010.

12.5. Ġie miftiehem li l-Bord ta' Rakkomandazzjoni għandu jibqa' kompost minn Dr Michael Buhagiar (Chairman), is-Sindku John Buttigieg, il-Kunsillier Hilary Fenech, is-Sinjura Margaret Bartolo, is-Sur Salvu Attard. Is-Sur C. Debono jibqa' is-segretarju tal-Bord.

12.6. Is-Sindku għarraf li s-serata ma' tistax tkun taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru, peress li dakinhar għandu impenn ieħor barra minn Malta. Għaldaqstant huwa ppropona li s-serata tkun taħt il-patroċinju tas-Sindku ta' Adenau Arnold Hoffmann, jew is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali l-Onor. Stefan Buontempo.

12.7. Is-Sur J. Buttigieg rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 54, meta kien ġie miftiehem li fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill għandhom jiġu mistiedna żewġ rappreżentanti minn lokalitajiet li l-Kunsill ikkopera magħhom fil-passat, bħalma huma Aquaviva delle Fonti; Cugir, Casalborgone, Vecpielbalgas, u Stara Pazova. Huwa qal li minħabba l-prezz tal-akkomodazzjoni relattivament għoli li jintalab fix-xhur tas-sajf, kif ukoll billi n-numru jammonta għal sbatax-il persuna, l-ispiża telgħet €6,528. Huwa qal li din tista' tiżdied kemm-il darba jkun hemm mistiedna li jitolbu *single supplement.*

12.8. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li l-mistednin ikun limitati għar-rappreżentanti mit-tliet lokalitajiet li hemm ġemellaġġ formali magħhom.

12.9. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li tinħoloq onorefiċenza ġdida li tkun immirata għaż-żgħażagħ.

12.10. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhomx jiżdiedu aktar onorefiċenzi fid-dawl tal-fatt li fl-edizzjoni 2015, żdied l-unur "Apprezzament il-Mellieħa". Minkejja dan, ma ġietx eskluża l-possibiltà li ż-żgħażagħ jidħlu bħala waħda mill-kategoriji meta ssir l-evalwazzjoni tan-nomini mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni.

### 13.1. Proġett – *Small Economies at the Heart of the European Economy* (P/10/25)

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-proġett *Small Market at the Heart of the European Economy* ġie approvat mill-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* tal-Kummissjoni Ewropea. Dan ġie fid-disa' post fl-Ewropa, minn sbaxat-il proġett approvat, b'baġit ta' €150,000.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 14.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-attrazzjonijiet ewlenin ta' l-inizjattiva msemmija ser ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| 1 ta' Lulju | Daqq fuq is-saxaphone mill-mużiċist Michel Salomon akkumpanjat minn pjanist |
| 8 ta' Lulju | Ftuħ tax-Xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija għall-pubbliku mingħajr ħlas u serata mużiko-letterarja |
| 15 ta' Lulju | Daqq tar-terramaxka |
| 22 ta' Lulju | Daqq fuq il-pjanu minn John Cutajar |

14.3. Is-Sinjura A. Brincat Stellini qalet li fir-rigward tas-serata tal-1 ta' Lulju, hemm ħlas ta' €150.

14.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 15.1. Twaqqif ta' *billboard* tal-Kunsill (T/4/3/Vol ll)

15.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li ssir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikun jista' jitwaqqaf *billboard* permanenti fit-Telgħa ta' Selmun, bil-għan li jkun jista' jintuża mill-istess Kunsill u l-għaqdiet tal-Mellieħa biex jirreklamaw l-attivitajiet tagħhom.

15.2. Is-Segretarju qal li dan jista' isir skont l-Avviż Legali 103 tal-2016 (S.L. 552.16) u jinvolvi ħlas annwali ta' €1,500.

15.3. Il-Kunsill qabel li l-perit tal-Kunsill għandu jintalab jissottometti t-talba lill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġieta aġġornata għal nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**